ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2023

Talba Nru: CCT180/23/DS

Matthew Coppini f'ismu propju u Rita Coppini ghal kull interess li jista' jkollha

Vs

Luxury Living Technologies Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Ottubru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata mija u sebgħa u erbgħin Ewro u ħamsin ċentezmu (€147.50) f'riżarċiment ta' ħlas rappreżentanti l-ammont imħallas għal *reverse osmosis* mixtri mingħand is-soċjeta' intimata illi pero' ma kienx qiegħed jipproduċi l-ilma tal-kwalita' prevista hekk kif kien jidher ċar mid-display li jiġi mas-sistema;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma it-talba tiegħu taħt ġurament u ta' x'xhieda ampja tiegħu dwar kif ġraw il-fatti inkluż il-fatt illi mid-*display* li jiġi mas-sistema kien qiegħed jidher ċar illi l-ilma prodott mis-sistema tar-*reverse osmosis* mixtrija ma kienx tal-kwalita' mistennija.

Illi jirriżulta wkoll illi għalkemm is-soċjeta' intimata provat tirrimedja permezz ta' nstallazzjoni ta' *prefilter* aġġunt mas-sistema, dan xorta ma għamel l-ebda differenza w'għaldaqstnat dan ir-rimedju kien inutili. L-arrangament kien illi jekk dan ma jaħdimx jittieħed lura pero' jidher illi dan għadu ma seħħx.

Illi jirriżulta wkoll illi fl-istess blokka l-istess soċjeta' intimata installat *reverse osmosis* ieħor lill-ħu l-attur illi kien qiegħed jaħdem sewwa w'għaldaqstant anka raġunijiet mgħotija mis-soċjeta' intimata dwar kwalita' ta' ilma li tvarja fl-istess triq ma humiex kredibbli.

Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi it-talba tal-attur hija primarjament waħda għall-riżarċiment għall-flus illi ntefqu fuq ir-*reverse osmosis* installat fil-propjeta' ta' Rita Coppini fl-ammont ta' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u ħamsin ċentezmu (€147.50).

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi

u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata sabiex fi żmien gimgħatejn thallas l-ammont ta' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u ħamsin ċentezmu (€147.50) lill-attur filwaqt illi l-istess soċjeta' intimata għandha tiftiehem ġurnata u ħin għall-konvenjenza tal-attur u s-Sinjura Rita Coppini sabiex hija tieħu lura s-sistema tar-*reverse osmosis* flimkien mal-prefilter.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru